A.L. 30 ta' l-1980

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952)

Ordni ta' l-1980 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 7 ta' l-1976

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1976 tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fl-10 ta' Marzu, 1980.

Jemenda l-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minflok is-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali u minflok il-provisos li hemm għall-istess paragrafu għandu jidħol dan li ġej:

"(d) Ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'dawk il-ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom, ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4 f'dawk il-ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom, u ħaddiema fil-Grupp 5, ikunu ntitolati għall-ikla ta' fil-għaxija meta s-sigħat ta' xogħol tagħhom 'il fuq minn tmienja (8) fi kwalunkwe ġurnata, ikunu iżjed minn tlieta:

Iżda l-ħaddiema fil-Gruppi 1 u 2 ikollhom £10.69,2 imnaqqsa kull xahar mill-anqas rimunerazzjoni tagħhom, il-ħaddiema fil-Gruppi 3 u 4 ikollhom £2.47,2 imnaqqsa kull ġimgħa mill-anqas rimunerazzjoni tagħhom, u l-ħaddiema fil-Grupp 5 ikollhom 40c7 imnaqqsa kuljum mill-anqas rimunerazzjoni tagħhom, bħala kumpens ta' l-ikel li għalih huma ntitolati kif imsemmi qabel:

Iżda l-ħaddiema fil-Grupp 6 m'għandu jkollhom l-ebda tnaqqis mill-anqas rimunerazzjoni tagħhom bħala kumpens ta' l-ikel li għalih jistgħu jkunu ntitolati sakemm ma jkunux intitolati għal rimunerazzjoni ta' ġurnata xogħol f'liema każ huma għandu jkollhom tnaqqis ta' 40c7 mill-anqas rimunerazzjoni tagħhom:

Iżda l-ħaddiema fil-Gruppi 1, 2, 3 u 4 m'għandhomx jiġu kkunsidrati li għamlu użu mid-dritt tagħhom għall-ikel kif imsemmi qabel matul perijodi ta' vaganzi tas-soltu, ta' *leave* u ta' *leave* għall-mard li għalih huma ntitolati, u t-tnaqqis relevanti bħala kumpens għall-ikel ma għandux isir mill-inqas rimunerazzjoni tagħhom; u

Iżda wkoll jekk il-ħaddiema ma jużawx id-dritt tagħhom għal xi ikel kif imsemmi qabel, huma ma jkunu ntitolati għal ebda kumpens ta' flus minflok l-ikel.".